

EMENDI 001-019

mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapport**Henna Virkkunen****A9-0370/2023**

Rekwiżiti minimi dwar il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa fis-settur tat-trasport okkażjonali tal-passiġġieri

Proposta għal regolament (COM(2023)0256 – C9-0178/2023 – 2023/0155(COD))

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 3***Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Madankollu, l-ispeċifiċitajiet tas-settur tat-trasport okkażjonali tal-passiġġieri bit-triq ma humiex kondiviżi mit-trasport tal-merkanzija bit-triq jew mis-settur tat-trasport regolari tal-passiġġieri bit-triq. It-trasport okkażjonali tal-passiġġieri bit-triq huwa kkaratterizzat minn staġjonalità għolja u tul ta' ħin differenti mqatta' fuq sewqan li ***jiddependi*** fuq l-attivitajiet turistiċi li jwettqu l-passiġġieri. Jeħtieġ li jakkomoda ***talbiet*** mhux skedati u għal għarrieda mingħand il-passiġġieri ***f'termini ta'*** waqfiet addizzjonal u bidliet fir-rotta jew fl-iskeda, kull fejn ikun fattibbli. It-trasport okkażjonali tal-passiġġieri bit-triq ġeneralment jinvolvi inqas ħin tas-sewqan meta mqabbel mat-trasport tal-merkanzija jew mas-servizzi regolari tax-xarabank. Barra minn hekk, is-sewwieqa normalment jorqdu fil-lukandi, u rari jsuqu billejl. Min-

Emenda

(3) Madankollu, l-ispeċifiċitajiet tas-settur tat-trasport okkażjonali tal-passiġġieri bit-triq ma humiex kondiviżi mit-trasport tal-merkanzija bit-triq jew mis-settur tat-trasport regolari tal-passiġġieri bit-triq. It-trasport okkażjonali tal-passiġġieri bit-triq huwa kkaratterizzat minn staġjonalità għolja u tul ta' ħin differenti mqatta' fuq sewqan ***kif ukoll distanzi ta' sewqan differenti*** li ***jiddependu*** fuq l-attivitajiet turistiċi li jwettqu l-passiġġieri. Jeħtieġ li jakkomoda ***l-ħtiġijiet tal-passiġġieri, bħal rikjesti*** mhux skedati u għal għarrieda mingħand il-passiġġieri ***għal*** waqfiet addizzjonal u bidliet fir-rotta jew fl-iskeda, kull fejn ikun fattibbli. It-trasport okkażjonali tal-passiġġieri bit-triq ġeneralment jinvolvi inqas ħin tas-sewqan meta mqabbel mat-trasport tal-merkanzija jew mas-servizzi regolari tax-xarabank. Barra minn hekk, is-

naħa l-oħra, is-sewwieqa matul il-ħin tax-xogħol jistgħu jkunu soġġetti għal xi attivitajiet addizzjonali, li spiss jirriżultaw minn interazzjonijiet mal-passiġġieri.

sewwieqa normalment jorqdu fil-lukandi, u rari jsuqu billejl. Min-naħa l-oħra, is-sewwieqa matul il-ħin tax-xogħol jistgħu jkunu soġġetti għal xi attivitajiet addizzjonali, li spiss jirriżultaw minn interazzjonijiet mal-passiġġieri.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Ir-regoli aktar flessibbli fl-iskedar tal-pawżi u tal-perjodi ta' mistrieħ tas-sewwieqa involuti fis-servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jenħtieġ li bl-ebda mod ma jipperikolaw is-sikurezza tas-sewwieqa, ma jipperikolaw is-sikurezza fit-toroq, ma jżidu l-livell ta' għeja tas-sewwieqa jew iwasslu għal deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għalhekk, tali flessibbiltà jenħtieġ li ma tibdilx ir-regoli attwali dwar il-pawżi minimi totali, dwar il-perjodi massimi ta' sewqan kuljum u fil-ġimġha **u** dwar il-ħin massimu ta' sewqan kull ġimħtejn.

Emenda

(6) Ir-regoli aktar flessibbli fl-iskedar tal-pawżi u tal-perjodi ta' mistrieħ tas-sewwieqa involuti fis-servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jenħtieġ li bl-ebda mod ma jipperikolaw is-sikurezza tas-sewwieqa, ma jipperikolaw is-sikurezza fit-toroq, ma jżidu l-livell ta' għeja tas-sewwieqa jew iwasslu għal deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għalhekk, tali flessibbiltà jenħtieġ li ma tibdilx ir-regoli attwali dwar il-pawżi minimi totali, dwar il-perjodi massimi ta' sewqan kuljum u fil-ġimġha, dwar il-ħin massimu ta' sewqan kull ġimħtejn **u** **dwar il-ħin tax-xogħol massimu.**

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Aktar flessibbiltà fl-iskedar ta' pawżi għal sewwieqa involuti f'servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jenħtieġ li ma **tipprevjenix lil dawk is-sewwieqa milli** jieħdu pawżi tad-durata minima meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jistrieħu kif suppost. Għalhekk, huwa xieraq li tīgi stabbilita durata minima għal kull pawża. Għaldaqstant, is-sewwieqa involuti f'servizzi okkażjonali tat-trasport

Emenda

(8) Aktar flessibbiltà fl-iskedar ta' pawżi għal sewwieqa involuti f'servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jenħtieġ li **bl-ebda mod** ma **tikkawża għeja jew stress ulterjuri għas-sewwieqa u jenħtieġ li jiġi żgurat li dawn** jieħdu pawżi tad-durata minima meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jistrieħu kif suppost **u biżżejjed.** Għalhekk, huwa xieraq li tīgi stabbilita durata minima għal kull pawża.

tal-passiġġieri bit-triq jenħtieġ li jitħallew jaqsmu l-pawża obbligatorja tagħhom *fit-tiet* pawżi separati ta' mill-inqas 15-il minuta kull waħda, *minbarra l-possibbiltà l-oħra li jaqsmu pawża*.

Għaldaqstant, is-sewwieqa involuti f'servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jenħtieġ li jitħallew jaqsmu l-pawża obbligatorja tagħhom *f'żewġ* pawżi separati ta' mill-inqas 15-il minuta kull waħda, *filwaqt li jirrispettaw id-durata minima totali ta' mistrieħ meħtieġa ta' 45 minuta. Jenħtieġ li aktar flessibbiltà fit-tqassim ta' dawn il-pawżi, madankollu, ma tipprevjenix lis-sewwieqa milli jkollhom pawżi itwal mid-durata minima meħtieġa jew milli jieħdu pawżi addizzjonal*.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Sabiex jiġi żgurat li flessibbiltà akbar fl-iskedar tal-perjodi ta' mistrieħ tas-sewwieqa involuti f'servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq ma tigħix abbużata, huwa essenzjali li jiġi ddefinit b'mod ċar l-ambitu ta' tali flessibbiltà u wkoll li jiġu previsti kontrolli xierqa. Għalhekk, is-sewwieqa jenħtieġ li jkunu jistgħu jipposponu l-bidu tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum tagħhom għal perjodu massimu ta' siegħa *jew sagħtejn*, f'każijiet fejn il-perjodu ta' sewqan għal dak il-jum ma jkunx qabeż il-5 jew is-7 sīghat rispettivament, u jenħtieġ li jipposponu l-bidu biss meta jwettqu vjaġġi ta' 8 ijiem jew aktar. Tali flessibbiltà jenħtieġ li *tiġi limitata ulterjorment għal waħda biss minn kull deroga* matul il-perjodu tat-tour. *Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tali* ċirkostanzi jiġu *kkontroverifikati b'kopja* stampata mit-tagħmir ta' reġistrazzjoni jew mill-iskeda tax-xift, *minbarra r-rekords tat-takografa*.

Emenda

(9) Sabiex jiġi żgurat li flessibbiltà akbar fl-iskedar tal-perjodi ta' mistrieħ tas-sewwieqa involuti f'servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq ma tigħix abbużata, huwa essenzjali li jiġi ddefinit b'mod ċar l-ambitu ta' tali flessibbiltà u wkoll li jiġu previsti kontrolli xierqa *mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti appoġġati mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)*. Għalhekk, is-sewwieqa jenħtieġ li jkunu jistgħu jipposponu l-bidu tal-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum tagħhom għal perjodu massimu ta' siegħa, f'każijiet fejn il-perjodu ta' sewqan għal dak il-jum ma jkunx qabeż il-5 jew is-7 sīghat rispettivament, u jenħtieġ li jipposponu l-bidu biss meta jwettqu vjaġġi ta' 6 ijiem jew aktar. *Għal vjaġġi ta' mill-inqas 6 ijiem, jenħtieġ li s-sewwieqa jidħi jidher jipposponu darba l-mistrieħ tagħhom ta' kuljum b'siegħha*. Tali flessibbiltà jenħtieġ li *ma tipperikolax is-sikurezza fit-toroq u jenħtieġ li tiġi limitata* matul il-perjodu tat-tour. *Bl-intenzjoni ta' infurzar effettiv u effiċċenti u sabiex tali* ċirkostanzi jiġu *kontroverifikati, jenħtieġ li tiġi rreġistrata formola diġitali tal-vjaġġ qabel il-bidu tal-*

vjaġġ minbarra r-rekords tat-takografu u l-kopja stampata mit-tagħmir ta' reġistrazzjoni jew mill-iskeda tax-xift.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-limitazzjoni tal-possibbiltà li l-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jiġi pospost għal massimu ta' 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa eskużiżvament għal servizzi internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri għandha impatt negattiv f'termini ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni u ġusta bejn l-operaturi, speċjalment bejn l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Is-servizzi nazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri jistgħu jipprovdu wkoll is-servizzi tagħhom bl-istess kundizzjonijiet tas-servizzi internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri f'termini tad-distanza vvjaġġata jew id-durata jew is-servizzi mogħtija lill-passiġġieri. Għalhekk, is-servizzi nazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri jenħtieġ li jibbenfikaw ukoll minn tali possibbiltà.

Emenda

(10) Il-limitazzjoni tal-possibbiltà li l-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jiġi pospost għal massimu ta' 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa eskużiżvament għal servizzi internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri għandha impatt negattiv f'termini ta' ***trattament ugwali u ta'*** kompetizzjoni mingħajr distorsjoni u ġusta bejn l-operaturi, speċjalment bejn l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Is-servizzi nazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri jistgħu jipprovdu wkoll is-servizzi tagħhom bl-istess kundizzjonijiet tas-servizzi internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri f'termini tad-distanza vvjaġġata jew id-durata jew is-servizzi mogħtija lill-passiġġieri. Għalhekk, is-servizzi nazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri jenħtieġ li jibbenfikaw ukoll minn tali possibbiltà.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabiliti miżuri u rekwiżiti ta' kontroll imtejba, li jisfruttaw bis-sħiħ l-għodod diġitali. Sabiex ikunu jistgħu jsiru verifikasi fuq id-deroga li jiġi pospost il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum u l-possibbiltà li l-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jiġi

pospost għal massimu ta' 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa, jenħtieġ li tiġi rreġistrata elettronikament formola diġitali tal-vjaġġ minbarra r-rekords tat-takografu u l-kopja mit-tagħmir tar-reġistrazzjoni jew l-iskeda tax-xift. Il-formoli diġitali jenħtieġ li jkunu aċċessibbli f'ħin reali waqt il-verifikasi mal-ġenb tat-triq u jintużaw biss għall-kontrolli tal-konformità u l-infurzar. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa interfaċċa multilingwi abbażi tas-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) biex l-operaturi jkunu jistgħu jtellgħu l-formoli diġitali tal-vjaġġ tagħhom.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Sabiex jiġu ggarantiti servizzi okkażjonali effiċċjenti u ta' kwalità għolja tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sewqan għas-ses-sewwieqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal rapport ta' valutazzjoni sentejn wara li jiġu adottati dawn ir-regoli l-ġodda sabiex jiġi studjat l-effett tagħhom fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attrattivitā tas-settur kif ukoll biex jiġi evlawat l-infurzar ta' dawn ir-regoli. Meta rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi miziuri ġodda abbażi tas-sejbiet tar-rappor.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) L-infurzar xieraq tar-regoli huwa prekundizzjoni għal suq uniku funzjonali u r-rispett tal-interessi tas-sewwieqa, tal-passiġġieri u tan-negozji. Is-Sħab Soċjali fil-livell Ewropew u dak nazzjonali jista' jkollhom rwol esenzjali fl-infurzar tar-regolamenti eżistenti dwar il-ħin tas-sewqan u tax-xogħol tal-ħaddiema tat-trasport bit-triq, inklużi s-sewwieqa ta' servizzi okkażjonali tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-kooperazzjoni mas-Sħab Soċjali u l-awtoritajiet tal-infurzar u bejniethom, bl-għan li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' linji gwida u l-ħruġ ta' rakkmandazzjonijiet. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jipprovdu informazzjoni rilevanti lis-Sħab Soċjali f'dan ir-rigward. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, wara li tirċievi inputs mill-partijiet ikkonċernati interessati, għandha tħejji linji gwida biex tippromwovi approċċ komuni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Unjoni kollha, bil-għan li tistabbilixxi interpretazzjoni komuni mill-awtoritajiet ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 11b (ġidha)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Sabiex ikun jista' jsir infurzar xieraq ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta ġidha li temenda r-Regolament (UE)

*Nru 165/2014 u leġiżlazzjoni rilevanti
oħra b'tali mod li tiffaċilita l-verifika tal-
konformità mill-awtoritajiet ta' kontroll,
sabie ix it-takografu intelligenti jirregistra
wkoll jekk il-vettura tkunx intużat għat-
transport ta' merkanzija jew ta' passiġġieri,
kif meħtieġ mir-Regolament (KE)
Nru 561/2006, u, jekk il-ġarr tal-
passiġġieri jkun regolari jew
okkażjonali.*

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Għal sewwieq involut f'servizz okkażjonali tal-passiġġieri, il-pawża msemmija fl-ewwel paragrafu tista' tiġi sostitwita wkoll ***bi tliet*** pawżi ta' mill-inqas 15-il minuta kull waħda, imqassma matul il-perjodu ta' sewqan imsemmi fl-ewwel paragrafu, b'tali mod li jkun hemm konformità mal-ewwel paragrafu.;

Emenda

Għal sewwieq involut f'servizz okkażjonali tal-passiġġieri, il-pawża msemmija fl-ewwel paragrafu tista' tiġi sostitwita wkoll ***b'żewġ*** pawżi, ta' mill-inqas 15-il minuta kull waħda, imqassma matul il-perjodu ta' sewqan imsemmi fl-ewwel paragrafu, b'tali mod li jkun hemm konformità mal-ewwel paragrafu.;

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 2a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2a. Sakemm is-sikurezza fit-toroq ma ***tkunx*** b'hekk ***ipperikolata***, sewwieq involut f'servizz okkażjonali tal-passiġġieri b'durata ta' mill-inqas ***8*** ijiem jista' jidderoga mill-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, ***bil-modi*** li ***żejjin***:

Emenda

2a. Sakemm is-sikurezza fit-toroq ***u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieq*** ma ***jkunux*** b'hekk ***ipperikolati***, sewwieq involut f'servizz okkażjonali tal-passiġġieri ***wieħed akkumpanjat minn formola ta' vjaġġ wieħed***, b'durata ta' mill-inqas ***6*** ijiem jista' jidderoga mill-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, ***billi jipposponi l-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum b'mhux***

aħjar minn siegħa, diment li l-ħin tas-sewqan totali akkumulat għal dak il-jum ma jkunx qabeż is-7 sīghat u li l-ħin tax-xogħol massimu ta' kuljum taħt il-liġi applikabbli jkun ġie rispettati:

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-posponiment tal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum b'mhux aktar minn siegħa, diment li l-ħin ta' sewqan akkumulat totali għal dak il-jum ma jkunx qabeż is-7 sīghat;

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-posponiment tal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum b'mhux aktar minn sagħtejn, diment li l-ħin ta' sewqan akkumulat totali għal dak il-jum ma jkunx qabeż il-5 sīghat.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 2a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull waħda mid-derogi msemmija fl-

Tali deroga tista' tintuża darba biss matul

ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b),
tista' tintuża darba biss matul il-vjaġġ
imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

il-vjaġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 6a – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(a) is-servizz idum mill-inqas 24 siegħa
konsekuttivi;*

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġidid)

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 6a – subparagrafu 1 – punt ab (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ba) fil-paragrafu 6a, l-ewwel
subparagrafu, jiddaħħal il-punt li ġej:*

*(ab) formola digżitali tal-vjaġġ bl-
informazzjoni kollha meħtieġa stabbilita
fir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tkun
ġiex irreġistrata elettronikament qabel il-
bidu tal-vjaġġ;*

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt bb (ġidid)

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 6a – subparagrafu 1 – punt ba (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(bb) fil-paragrafu 6a, l-ewwel
subparagrafu, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:*

(e) *Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv u effċienti tar-regoli speċifiċi għas-settur, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti amministrattivi u miziuri ta' kontroll speċifiċi fis-settur tat-trasport bit-triq, li jisfruttaw bis-sħiħ l-għodod diġitali;*

(f) *Sabiex jitħallew isiru verifikasi fuq id-deroga li jiġi pospost il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum u l-possibbiltà li jiġi pospost il-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimġha sa massimu ta' 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa li jitwettqu matul l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa interfaċċa multilingwi, li l-operaturi jkollhom aċċess għaliha u li permezz tagħha għandhom jissottomettu l-formoli elettroniċi tal-vjaġġ qabel il-bidu tiegħu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' tesplora wkoll il-possibbiltà li tiżviluppa modulu ġdid wieħed jew aktar għall-IMI.*

(g) *Biex jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-konformità mar-regoli ta' deroga ta' 12-il jum stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-kotba tal-formoli tal-vjaġġi speċifikati fl-Artikolu 12 u fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, għandhom jiġu ssostitwiti b'formoli elettroniċi tal-vjaġġi fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ tad-deroga emodata. Il-forma elettronika għandha tinkludi l-karatteristiċi kollha speċifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009;*

(h) *L-operatur jiżgura li s-sewwieq għandu għad-dispożizzjoni tiegħu jew tagħha formola elettronika tal-vjaġġ u obbligu li s-sewwieq għandu jżommha u jagħmilha disponibbli meta jintalab mal-ġenb tat-triq, u kopja tal-formola elettronika tal-vjaġġ sottomessa permezz tal-IMI qabel il-bidu tal-vjaġġ. Il-formola għandha tkun aċċessibbli f'ħin reali u użata unikament għall-iskop tal-kontrolli u l-infurzar.*

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt bc (ġdid)

Regolament (KE) Nru 561/2006

Artikolu 8 – paragrafu 6a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(bc) Fil-paragrafu 6(a), it-tieni
subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

*Il-Kummissjoni għandha timmonitorja
mill-qrib u regolarmen l-użu li jsir minn
din id-deroga biex tiżgura l-preservazzjoni
tas-sikurezza fit-toroq taħt kundizzjonijiet
stretti ħafna, b'mod partikolari billi
tiċċekkja li l-ħin ta' sewqan totali
akkumulat matul il-perjodu kopert mid-
deroga ma jkunx eċċessiv u ma
jikkontribwixx għall-għeja u l-istress
tas-sewwieq, u b'kont meħud ukoll tas-
sewqan professjonali addizzjonali u ta'
attivitajiet oħra li jkunu wettqu s-
sewwieqa. Sal-4 ta' Diċembru 2012, il-
Kummissjoni għandha tfassal rapport li
jevalwa l-konsegwenzi tad-deroga fir-
rigward tas-sikurezza fit-toroq kif ukoll l-
aspetti soċjali. Jekk tqis li dan ikun
xieraq, il-Kummissjoni għandha
tipproponi emenda għal dan ir-
Regolament f'dan ir-rigward.*

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Il-Kummissjoni għandha, sa [sena wara li
dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi]
tippreżenta l-propostu leġiżlattivi li tqis
meħtieġa biex temenda r-Regolament
(UE) Nru 165/2014 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill^{ta} u leġiżlazzjoni
rilevant oħra sabiex tqis dan ir-
Regolament b'mod li t-takografi
intelliġenti joffru l-għażiex “servizz*

*regolari tal-passiġġieri” u “servizz
okkażjonali tal-passiġġieri” għall-għażla
tas-servizzi tax-xarabanks kif xieraq
għall-infurzar ta’ dan ir-Regolament.*

*^{1a} Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-
4 ta’ Frar 2014 dwar takografi fit-trasport
bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-
Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat
ta’ regiżazzjoni għat-trasport bit-triq u li
jemenda r-Regolament (KE) Nru
561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerta
leġiżlazzjoni soċjali li għandha x’taqsam
mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014,
p. 1).*